MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2012

Numru. 518/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed, ta' 36 sena, iben Salah Mohamed u Nazla neé Abdul Radi, imwieled Alexandria, Egittu, nhar is-17 ta' Awwissu 1975, residenti fil-fond numru 6, Triq ir-Rabat, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 18535(A) li gie akkuzat talli:

nhar id-9 ta’ Awwissu, 2012 u fil-granet ta’ qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f’diversi postijiet f’dawn il-Gzejjer;

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar it-28 ta’ Lulju 2012, mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser projbizzjoni jew restrizzjoni taht l-Artiklu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, nhar it-28 ta’ Lulju 2012, mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-imputat u dan skont l-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u ma ressaq l-ebda provi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u li kiser ukoll ordni ta' protezzjoni.

Illi, minkejja li r-rapprezentant tal-Vodafone xehed li numru 99 22 08 93 m’huwiex registrat mal-kumpanija li huwa jirraprezenta, u dana qalu wkoll rapprezentant tal-Go, jirrizulta li l-imputat kkonferma li dan huwa n-numru tieghu

fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, liema stqarrija tinsab esebieta fl-atti ta’ dawn il-proceduri.

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista’ tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b’theddid, jew b’biza’, jew b’weghdiet jew twebbil ta’ vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali).

Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

*“Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-**prova regina** w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu”.*

Illi, jirrizulta li l-imputat ma ghamel l-ebda theddid fil-konfront ta' Christiana Vella **pero’** xorta jirrizulta li l-istess imputat ghamel kuntatt maghha, kienet x’kienet ir-raguni ghala ghamel hekk u dan huwa ghamlu meta kienet inharget ordni ta' protezzjoni fejn huwa ma setghax jaghmel kuntatt ma’ Vella u fejn huwa ma setghax lanqas jikkometti delitt ta’ natura volontarja.

Illi ghaldaqstant l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement pruvati;

Illi, rigward il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: fuq naha wahda, il-kilba tal-imputat li jara t-tfal tieghu, il-fatt li huwa ma heddidx lil Christiana Vella u l-fatt li anke l-istess Christiana Vella ghamlet kuntatt mieghu, u, fuq in-naha l-ohra, il-fatt li l-imputat kiser kondizzjoni tal-helsien mill-arrest u kiser ukoll ordni ta' protezzjoni, li huma reati serji hafna, pero minkejja dan, in vista ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex timponi piena ta' prigunerija pero' ghandha timponi piena ta' multa.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 412C(7) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2,500.00).

Ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, il-Qorti taghzel li ma tirrevokax d-Digriet tat-28 ta' Lulju 2012, moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, u ghall-istess ragunijiet m'ghandhiex tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta l-garanzija personali msemmija fl-imsemmi Digriet.

Fl-ahhar nett, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li jinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Christiana Vella u dana skont il-kondizzjonijiet indikati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------